## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TMIENJA U TLETIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju, 2004 fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 2 | | |

**AĠENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2. Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3. Triq il-Vittmi tal-Gwerra.
4. Management Letter.
5. Konferenza Abruzzo.
6. Proġett "Gateway".
7. Ilmenti.
8. Approvazzjoni ta' Xogħlijiet.
9. Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

### 38 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' laqgħat Numru 36 u 37.

*38 (1) .1 Korrezzjoni tal-Minuti Laqgħa Numru 36*

Paġna 9 minuta 36 (6) 2 żdied dan il-kliem fl-aħħar tal-paragrafu "Unjoni Ewropeja".

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi l-Kunsill approva unanimament il-Minuti ta' laqgħa numru 36 hekk kif emendati.

*38 (1) .2 Korrezzjoni tal-Minuti Laqgħa Numru 37*

Paġna 2 minuta 37 (3) 3 fit-tieni paragrafu titħassar il-kelma "konfront" u tiżdied il-kelma "konverżazzjoni".

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar l-Kunsill approva unanimament il-Minuti ta' laqgħa numru 37 hekk kif emendati.

## 38 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma u l-laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill (37).

*38.(2).1* Laqgħa ma' Uffiċċjali mill-ADT

Saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill ms' l-uffiċċjali mill-ADT Edward Gatt u Tony Agius dwar ilmenti li kienu tressqu mill-Kunsill dawn kienu :

(i) biex isiru rampi żgħar fl-art fil-venda f'Misraħ 4 ta' Settembru biex il-karozzi tal-linja ma' jibqgħux jidħlu b'lura sa ġewwa fuq il-bankina kważi mal-faċċata tal-bini.

(ii) Biex in-Notice Board ta' l-ADT tiġi trasferita minn fejn qegħda għal post ieħor.

(iii) Biex il-karozzi tal-linja ma' jibqgħux iqattru ż-żejt li jagħmel ħafna ħsara fil-Hot Rolled Asphalt li l-Kunsill għamel ftit taż-żmien ilu.

(iv) Kif ukoll biex ma' jibqgħax isir ħasil tal-vetturi tal-linja fil-venda.

*38.(2).2 Kumitat Konġunt LES (21 / 06 / 2004)*

(i) Il-Kumitat Konġunt għall-mument laqa' t-talba tal-Kunsill Lokali Gudja biex jidħol jifforma parti minnhu.

(ii) It-talba tal-Kumitat Konġunt dwar l-impjegati tat-Tribunal għandha tiġi trattata darb'oħra.

(iii) Ġie diskuss id-dħul tal-flus li għandu jieħu l-Kumitat Konġunt minn diversi Kunsilli. Dan jidher li qed jiżdied aktar ma' jgħaddi ż-żmien (Kunsill Lokali Isla Lm 2, 600).

*38.(2).3 Tiswijiet tal-Moll fix-Xatt ( 22 / 06 / 04)*

(i) Il-laqgħa li kellha ssir fis-2.00pm mal-Perit Grixti Soler u s-Sur Charles Chircop li għalija kellu jattendi d-Direttur biex isir magħruf meta u kif ukoll isiru tiswijiet fil-Moll, ma' saritx.

(ii) Wara li s-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit ħallew jistennew siegħa, dawn ġew infurmati li l-laqgħa tħassret u kellhom jiġu nfurmati b'appuntament ieħor.

(iii) Dan l-appuntament għadu qatt ma' seħħ sa din il-laqgħa.

*38.(2).4 Volontiera Summer Club (23 / 06 / 04)*

(i) Saret laqgħa mal-volontiera tas-Summer Club li l-Kunsill kien bi ħsiebu jtella' fil-bini tal-Kunsill fix-xhur ta' Lulju u Awissu, 2004.

(ii) Ġie diskuss mill-ġdid dan il-proġett u dwar dak li l-Kunsill qed jistenna li jintlaħaq f'dan il-proġett.

(iii) F'każ ta' bżonn il-persuna ta' riferenza f'dan il-proġett huma s-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv, Alphonse Zammit.

*38(2).5 Tournament tal-Football -Jum Dinji kontra d-Droga ( 26 / 06 / 04)*

Żgħażagħ mil-lokal ta' l-Isla ħadu sehem b'suċċess f'dan it-tournament li kien imtella' mill-Kunsill Lokali Zabbar. Is-Sindku wassal messaġġ ta' l-okkażjoni.

*38.(2).6 Proġett Summer Club & FES ( 06 / 07 / 04)*

(i) Saret laqgħa ma' diriġenti ta' l-FES dwar l-aħħar preparamenti ta' dan il-proġett li kellu jibda fl-14 ta' Lulju, 2004.

(ii) Ġie miftiehem li nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju, 2004 fis-6.00pm issir laqgħa mal-volontiera, NGO's tal-Lokal u l-FES biex jiġu diskussi l-parteċipazzjoni tagħhom f'dan il-proġett.

*38.(2).7 Konferenza "Identity & Difference" f'Abruzzo - Italja ( 06 / 07 / 04)*

(i) Saret laqgħa bejn dawk li kienu ser jipparteċipaw f'din il-konferenza fl-Abruzzo bil-għan li jsiru l-preparamenti meħtieġa għal din il-konferenza.

(ii) Preżenti kienu Joseph Casha, Elizabeth Grech, Stefania Vella, Arthur Perici, Joseph Abela & Fabian Mangion.

*38.(2).8 Laqgħa mas-Social Worker - Danielle Farrugia ( 08 / 07 / 04)*

Din il-laqgħa saret fuq inizjattiva tal-Kunsill biex tingħeleb problema li qed tiffaċċja familja li tgħix fl-Isla.

*38.(2).9 Kumitat Konġunt Kottonera ( 09 / 07 / 04)*

F'din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku u l-Viċi Sindku.

(i) Issa li l-artwork tal-Mappa tal-Kottonera sar qed jinġabru aktar sponsors għal dan il-proġett.

(ii) Ġie diskuss u sar qbil li ssir sejħa għal studenti u żgħażagħ mill-Kottonera biex jieħdu sehem f'Summer Club kif ukoll f'taħriġ ta' snajja'.

*38.(2).10 Venda tal-Karozzi tal-Linja f'Misraħ 4 ta' Settembru*

(i) Il-Kunsill kien qed jirċievi lmenti dwar xnieha li l-karozzi tal-linja kienu ser jispiċċaw minn dan il-post.

(ii) Il-Kunsill afferma li dawn huma kollha xniehat u l-Kunsill qatt ma' ddiskuta biex il-venda tal-karozzi tal-linja tispiċċa minn fejn hi.

(iii) Infatti l-Kunsill ħarep avviż lir-residenti (kopja mehmuża) biex jiċħad dawn ix-xniehat li mhux minnhom.

*38.(2).11 Tnaqqis ta' fondi lill-Kunsilli mill-Gvern Ċentrali ( 13 / 07 / 04)*

(i) B'ittra mibgħuta mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li biha dan il-Kunsill ġie mgħarraf li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2004 / 2005 ser tiġl mnaqqsa b'Lm 2, 665 għar-raġuni li l-Gvern irid ikompli fuq l-inizjattivi ta' l-eGovernment fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex.

(ii) Minkejja dan l-allokazzjoni Lulju - Settembru, 2004 kienet għadha ma' daħlitx mill-Gvern Ċentrali.

(iii) Ta' min jinnota li minkejja li l-Kunsilli Lokali qed jerfgħu piż finanzjarju biex iwettqu EGovernment fil-lokalitajiet tagħhom, din kienet it-tieni sena konsekuttiva li l-Gvern Ċentrali naqqas il-flus dovuti lill-Kunsilli għal dawn is-servizzi.

*38.(2).12 Ħsarat fil-Moll tax-Xatt ta' l-Isla*

Il-Kunsill kien bagħat ittra lill-Ministru Ċensu Galea u lill-Viċi Prim Ministru Dr Tonio Borg dwar dawn il-ħsarat kbar li kienu saru f'Diċembru, 2003 u li s'issa għadu ma' sar xejn dwaru.

(i) Minkejja li dan il-Kunsill, għad ma' kellu l-ebda twweġiba pożittiva.

(ii) Il-Kunsill kien kiteb ukoll dwar devoluzzjoni lill-Kunsill ta' l-imħażen ta' ħdejn il-Maċina Iżda bla riżultat jew tweġiba.

(iii) Il-Kunsill kien bi ħsiebu jġib għall-attenzjoni tal-pubbliku lokali t-tentattivi tal-Kunsill li qed jispiċċaw fix-xejn. Dan ser isir permezz tan-Newsletter tal-Kunsill u x-xandir.

*38.(2).13* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-19 ta' Ġunju, 2004 u d-9 ta' Lulju 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1337/04/I* *FES*

Saret stedina lill-Kunsill biex jattendi għal konferenza dwar Life Long Learning nhar l-10 u l-11 ta' Lulju, 2004 fil-lukanda Coastline.

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal din il-laqgħa.

*04/1369/04/I* *Memo 16/2004*

Il-Kunsill irċieva dan il-Memo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jitratta n-nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

*04/1382/04/I* *Awditur - Management Letter*

Il-Kunsill wieġeb il-punti mqajjma mill-Awditur fil-Management letter dwar ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2003 / 2004.

*04/1384/04/I* *Konferenza f'Abruzzo*

Il-Kunsill irċieva l-aħħar verżjoni tad-draft programme għad-delegazzjoni li dan il-Kunsill ser jibgħat għal din il-konferenza.

*04/1386/04/I* *Senglea Athletics - Attivita'*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Senglea Athletics F. C. biex jorganiżża attivita' fid-29 ta' Lulju, 2004 kif ukoll għal car wash.

*04/1392/04/I* *Senglea Athletics - Tombola*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Senglea Athletic F. C. sabiex jorganiżżaw tombola fix-xatt matul ix-xhur tas-Sajf.

*04/1393/04/I* *Gateway Project*

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Youth Programmes f'Malta nformat lill-Kunsill li dan il-proġett ġie approvat kif ippreżentat.

*04/1399/04/I* *Queen's Own Band Club*

Il-Kunsill approva t-talba tal-Queen's Own Band Club biex fl-4 ta' Settembru, 2004 jorganiżżaw programm vokali f'Misraħ 4 ta' Settembru.

*04/1406/04/I* *Ittra fil-Ġurnali*

Il-Kunsill irċieva kopja ta' l-ittra li kienet pubblikata fil-ġurnali dwar rekord ġdid li ġie milħuq fl-Isla.  L-ittra hija ta' Anna Abela.

*04/1419/04/I* *Malta Historic Cities Festival*

L-Awtorita Maltija għat-Turiżmu għarrfet lill-Kunsill bit-tibdil fil-programm rivedut ta' l-attivitajiet li issa ser isiru f'diversi lokalitajiet iżda f'perjodu wieħed.

*04/1423/04/I* *Regatta U/18 Challenge*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Lm 50 mill-Għaqda Regatta Nazzjonali bħala sponsor għat-tournament għal żgħażagħ ta' taħt it-18 -il sena li din l-Għaqda kienet ser ittella' bejn diversi lokalitajiet.

*04/1432/04/I* *Capstan*

Il-Kunsill irċieva proposta mill-Perit tiegħu dwar l-applikazzjoni biex il-capstan jitqiegħed ix-Xatt.

*04/1433/04/I* *Dockyard Terrace*

L-ispettur Sanitarju nforma lill-Kunsill bl-investigazzjoni li huwa qiegħed iwettaq fi Blokk A, B u Ċ ta' Dockyard Terrace.

*04/1445/04/I* *Reserved Parking - Disabled*

L-ADT infurmat lill-Kunsill li Reserved Parking li kien intitolat lil Gilbert Seisun issa tista' titneħħa minħabba li din il-persuna m'għadhiex toqgħod hemm.

*04/1446/04/I* *Ftehim - Mltts*

Il-Mitts nfurmat lill-Kunsill dwar tibdil li qed jipproponu li jagħmlu fil-ftehim eżistenti.

*04/1448/04/I* *Studenti f'Cassino*

Il-Comune ta' Cassino stieden lil dan il-Kunsill biex jintbagħtu żewġ studenti jistudjaw fl-Universita' ta' Cassino għal tlett xhur bejn Ottubru u Diċembru.  Din l-offerta qed issir lil dawk il-bliet kollha li huma ġemellati mal-Comune di Cassino.

*04/1449/04/I Kumitat Konġunt Kottonera*

Sar qbil li għal din il-laqgħa li ser issir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Lulju, 2004 fl-4.00pm jattendi għaliha l-Viċi Sindku Walter Ahar.

*04/1458/04/I Avviż Legali 350 / 2004*

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet tagħrif dwar dan l-Avviż bil-posta.

*04/1473/04/I ASKLM - Seminar fi Brussell*

L-ASKLM għamlet sejħa lil dawk is-Segretarji Eżekuttivi li telgħin għall-Kungress UDITE li ser issir bejn it-23 u l-25 ta' Settembru, 2004 fi Brussell.

*04/ /04/I Capital Radio*

Dan ir-radio qed joffri servizz b'xejn fejn qed ixandar avviżi meta jkun hemm egħluq ta' toroq u traffic jams.

*04/ /04/I Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali*

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kitbet lill-Kunsilli Lokali kollha biex tinfurmawhom li t-talbet għal-laqgħa mal-Ministru għall-Gvern Lokali dwar il-miżuri li ttieħdu mill-Gvern Ċentrali mingħajr konsultazzjoni ma' l-istess assoċjazzjoni.

## 38 (3) Triq il-Vittmi tal-Gwerra

*38(3).1* Il-Kunsill qabel li jagħmel estensjoni tal-permess biex ix-xogħol fuq din it-triq jinbeda minnufih u jsir qabel tiġi l-festa tal-lokal.

*38(3).2* Ser issir talba lill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera biex jisponsorja l-lava għal din it-triq.

*38(3).3 Capstan*

Saret l-applikazzjoni biex il-proġett tal-capstan fix-Xatt jinbeda. Is-Sur Piju Mangion kien ikkonsultat.

## 38 (4) Management Letter

(i) Il-Kunsill wieġeb formalment għall-kummenti li tqajjmu mill-Awditur tal-Gvern dwar ir-rapport finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2003 / 2004 (Kopja mehmuża).

(ii) Dawn il-kummenti ġew ippreżentati waqt din il-laqgħa tal-Kunsill.

## 38 (5) Konferenza Abruzzo

Il-Kunsill lesta l-preparamenti u l-materjal kollhu li kien hemm bżonn jittieħed għal din il-konferneza li ġie mistieden għaliha.

Aktar tagħrif dettaljat huwa mehmuż ma' dawn il-Minuti.

## 38 (6) Proġett "Gateway"

(i) Dan il-proġett ser isir bejn it-23 u t-30 ta' Lulju, 2004 f'Malta bl-inizjattiva tal-Kunsill u bil-fondi miġjuba taħt l-iskema Youth Programme tal-Kummissjoni Ewropeja.

(ii) Ser jieħdu sehem madwar 30 żgħażugħ u żgħażugħa minn 15 -il pajjiż differenti fosthom Malta.

(iii) Aktar tagħrif dettaljat huwa mehmuż ma' dawn il-Minuti.

(iv) Il-Kunsill approva riżoluzzjoni Numru 23/2004 biex ikun jista' jiftaħ Kont Bankarju fil-Munita EURO biex ikun jista' jamministra l-finanzi fl-istess munita għal dan il-proġett (Kopja mehmuża).

## 38 (7) Ilmenti

41 / A Il-Kunsill qabel li jekk l-individwi jixtru l-materjal, il-Kunsill jagħmel xogħol bil-ħaddiema tiegħu.

42 / A Dan l-ilment ġie ndirizzat u x-xogħol sar.

44 / A Is-Sindku Joseph Casha kellhu jiċċekja aktar fuq dan l-ilment.

45 / A Wara li saru inspections fuq il-post ġie ndikat li n-nuqqas tal-pressa hija dovuta għal xi ħsara fis-sistema tiegħu. Din hija responsabbilta ta' l-individwu.

48 / A Maltacom kienet infurmata.

49 / A Dan ġie solvut. Ir-Residenta mhux ser tibqa' tgħix f'dan il-post allura m'għadx hemm aktar bżonn ta' reserved Parking.

50 / A L-ispettur tas-Sanita' ġie nfurmat biex tittieħed azzjoni.

51 / A Is-Sindku Joseph Casha kellhu jiċċekja aktar fuq dan l-ilment.

## 38 (8) Approvazzjoni ta' Xogħlijiet

Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet :

(i) biex issir il-bankina fi Triq San Ġużepp

(ii) xogħol fuq il-moll bil-ħaddiema tal-Gvern u ta' l-IPSL assenjati mal-Kunsill.

(iii) Patching - Il-Kunsill kellu tlett kwotazzjonijiet biex isir patching f'diversi toroq bil-Hot Rolled Asphalt.

Works Division - Gvern joffri l-ħaddiema u l-Kunsill joħroġ il-materjal (Lm 1, 117)
Pada Builders Lm 8.67 per square metre (Lm 1, 400)
Silvar Construction & Services Ltd (Lm )

## 38 (9) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

*38.(9).1* Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 6, 896.15.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fin-12.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

_______________________ _______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv